

Lussemburgu, 25 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10246/18

CFSP/PESC 589
CSDP/PSDC 351
COPS 227
POLMIL 91
CIVCOM 122

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 25 ta' Ġunju 2018

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10174/18 REV 1

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża fil-kuntest tal-Istrateġija
Globali tal-UE

- Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE, adottati mill-Kunsill fit-3628 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Ġunju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IS-SIGURTÀ U D-DIFIŻA

FIL-KUNTEST TAL-ISTRATEĠIJA GLOBALI TAL-UE

Fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, abbażi tal-gwida regolari mill-Kunsill Ewropew u filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu u gwida oħra dwar dawn il-materji, il-Kunsill ifakkar fl-impenn sod tiegħu li jimplimenta l-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE fir-rispons għall-konflitti u l-kriżijiet esterni, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab u l-protezzjoni tal-UE u ċ-ċittadini tagħha. Billi tindirizza kontinwament il-bżonnijiet attwali u futuri tal-Ewropa fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, l-UE ser ittejjeb il-kapaċità tagħha li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà u l-awtonomija strateġika tagħha, u ser issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tikkoopera mas-sħab. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' proposti ambizzjużi dwar is-sigurtà u d-difiża fil-qafas tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, b'mod partikolari l-ħolqien ta' intestatura baġitarja ddedikata għas-sigurtà u d-difiża.

Illum, il-Kunsill:

Kooperazzjoni Strutturata Permanenti

1. Fil-kuntest tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO), adotta Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi s-sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti li jsiru f'dak il-qafas.
2. Jistenna b'interess l-adozzjoni ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, fil-prinċipju f'Lulju 2018, dwar is-sekwenzjar tat-twettiq tal-impenji l-aktar vinkolanti li jsiru mill-Istati Membri li jipparteċipaw fil-PESCO kif ukoll l-ispeċifikazzjoni ta' objettivi aktar preċiżi.

3. Ifaħħar il-ħidma li għaddejja mill-Istati Membri parteċipanti biex jimplimentaw is-sbatax-il proġett kollaborattiv tal-PESCO u fil-kuntest tas-sejħa għal tieni ċiklu ta' proġetti tal-PESCO jinkoraġġihom biex iressqu proposti ambizzjużi ulterjuri biex jindirizzaw il-ħtiġijiet operazzjonali tal-UE u l-prijoritajiet ta' żvilupp tal-kapaċità maqbula, u għalhekk jikkontribwixxu għat-twettiq tal-impenji l-aktar vinkolanti u l-kisba tal-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE, bil-ħsieb li tiġi aġġornata l-lista ta' proġetti tal-PESCO u l-parteċipanti tagħhom sa Novembru 2018.
4. Jistenna b'interess l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, fil-prinċipju f'Novembru, dwar il-kondizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni eċċezzjonali ta' stat terz fi proġetti tal-PESCO, u jappella biex il-ħidma għal dan il-għan tibda mingħajr dewmien.

Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) u Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD)

5. Japprova l-Katalgu tal-Progress tal-2018 (PC18), li jipprovdi l-valutazzjoni militari tan-nuqqasijiet tal-kapaċitajiet prijoritizzati u l-għanijiet ta' kapaċitajiet ta' impatt kbir li għandhom jinkisbu permezz ta' approċċ f'fażijiet, bħala eżitu tal-proċess tal-Objettiv Primarju li tnieda f'Novembru 2016 wara l-ftehim dwar il-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE.
6. Jistenna b'interess l-approvazzjoni imminenti tal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE li jirriżultaw mill-eżami tas-CDP, b'kont meħud ukoll tan-nuqqasijiet tal-kapaċitajiet prijoritizzati u l-għanijiet ta' kapaċitajiet ta' impatt kbir. Il-Kunsill jaqbel li dawn il-prijoritajiet, bħala referenza ewlenija għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri u tal-UE, ser jiggwidaw il-CARD, il-PESCO u l-Fond Ewropew għad-Difiża, li jwasslu għal bidla importanti fil-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża, u b'hekk jikkontribwixxu għall-koerenza fost dawn it-tliet inizjattivi distinti iżda li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2017. Il-Kunsill jinkoraġġixxi aktar lill-Istati Membri biex jimplimentaw dawn il-prijoritajiet waqt li jieħdu kont ukoll tar-riżultati tal-prova tal-CARD u taċ-ċikli futuri tal-CARD.

Sett uniku ta' forzi

7. Il-Kunsill ifakkar li, peress li l-Istati Membri għandhom "sett uniku ta' forzi" li jistgħu jużaw f'oqfsa differenti, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-Istati Membri permezz tal-PSDK u bl-użu tal-istrumenti tal-UE b'hekk ser jgħin ukoll fit-tiġid tal-kapaċitajiet potenzjalment disponibbli għan-Nazzjonijiet Uniti u n-NATO.

Fond Ewropew għad-Difiża

8. Jilqa' l-qbil politiku fuq ir-regolament dwar l-istabbiliment tal-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) li għandu l-għan li jrawwem il-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-industrija tad-difiża fl-Unjoni kollha, u dan jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni. L-EDIDP għandu jimmira li jinċentiva programmi ta' żvilupp kollaborattivi f'konformità mal-prijoritajiet tal-kapaċità tad-difiża miftehma b'mod komuni mill-Istati Membri fil-livell tal-UE fi ħdan il-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u b'mod partikolari fil-kuntest tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet.
9. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2018 għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża għall-perijodu 2021-2027. Huwa jappella biex tali Regolament jieħu kont tat-tagħlimiet inizjali meħuda tal-EDIDP u l-Azzjoni Preparatorja dwar ir-riċerka fil-qasam tad-difiża kif adatt. Il-Kunsill jenfasizza l-hteġa għall-implimentazzjoni tal-Fond Ewropea għad-Difiża propost biex l-Istati Membri jiġu involuti bis-sħiħ, isir użu sħiħ mill-fehmiet u l-kompetenza esperta tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u jiġi involut is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li l-istrumenti finanzjarji jistgħu jkunu għodod adatti għall-użu fil-Fond Ewropew għad-Difiża wara l-2020 u jappella għal aktar ħidma dwar din il-kwistjoni.

Faċilità Ewropea għall-Paċi

10. Jieħu nota tal-proposta tar-Rappreżentant Għoli, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, għal Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) u jikkondividi l-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tippreserva l-paċi, tipprevjeni l-konflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, billi jitjieb il-finanzjament ta' azzjonijiet taħt il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) relatati ma' materji militari jew tad-difiża u billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li tadatta b'mod flessibbli għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet li qed jevolvu. Huwa jistieden lill-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill biex javvanzaw il-ħidma u jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konkreti dwar il-Faċilità proposta, inkluż billi tiġi adattata l-proposta jekk meħtieġ, waqt li tingħata attenzjoni partikolari lil ħtiġijiet ivvalutati inklużi dawk finanzjarji, filwaqt li jiġi rrispettat ir-rwol tal-Istati Membri fil-governanza tal-Faċilità proposta u l-kompetenza tal-Kunsill rigward il-PESK.

Barra minn hekk, il-Kunsill ifakkar, f'konformità mal-Konklużjonijiet tiegħu tat-13 ta' Novembru 2017, li r-reviżjoni komprensiva tal-mekkaniżmu Athena għandu jiġi ffinalizzat.

Mobbiltà Militari

11. Jisħaq li t-titjib tal-mobbiltà ta' persunal, materjal u tagħmir militari għal attivitajiet ta' rutina u matul kriżijiet u konflitti, fl-UE u lil hinn minnha, mill-mezzi tat-trasport kollha (fuq l-art, fl-ajru u fuq il-baħar) u fid-direzzjonijiet strateġiċi kollha, hija meħtieġa biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jindirizzaw theddid persistenti u li qed jitfaċċa, b'hekk jikkontribwixxi għas-sigurtà ta' kulħadd. Hekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jaġixxu b'mod aktar rapidu u effettiv fil-kuntest tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża kif ukoll attivitajiet nazzjonali u multinazzjonali.
12. Jenfasizza li dan it-titjib fil-mobbiltà militari jista' jinkiseb biss bl-involvement u l-impenn sħiħ tal-Istati Membri kollha, b'mod koerenti mal-inizjattivi rilevanti fil-livell tal-UE inkluż fil-kuntest tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO). Fil-livell nazzjonali, dan jirrikjedi approċċ komprensiv minn kull livell tal-gvern u l-involvement tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lil hinn mill-Ministeri tad-Difiża.

13. Jisħaq li f'dan l-isforz komuni, is-sovranità, it-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali u r-rekwiżiti kostituzzjonali tal-Istati Membri individwali inkluż fir-rigward tat-territorju nazzjonali tagħhom u l-movimenti u t-trasport militari; in-natura speċifika tal-politiki ta' sigurtà u difiża tagħhom; kif ukoll konsiderazzjonijiet oħra, inkluż regoli u prinċipji ambjentali, jibqgħu fundamentali u ser jiġu rrispettati bis-šħiħ.
14. Jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari, adottat mir-Rappreżentant Ġholi u mill-Kummissjoni fit-28 ta' Marzu 2018, u jappella għall-implimentazzjoni rapida tiegħu f'koordinazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Jieħu nota tal-proposti tal-Kummissjoni għall-mobbiltà militari fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.
15. Bħala l-ewwel pass fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, il-Kunsill japprova l-parti ġenerali ta' livell għoli tar-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u lil hinn minnha, u jappella għall-ikkompletar rapidu tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi dwar l-infrastruttura tat-trasport, il-vetturi u t-tagħbijiet sa kmieni f'Lulju 2018, u għall-identifikazzjoni ġeografika tal-infrastruttura meħtieġa u annessi oħra meqjusa bħala lesti li jiġu vvalidati mhux aktar tard mit-tielet kwart tal-2018, u jenfasizza l-impenn tal-Istati Membri f'dawn l-isforzi.
16. Jilqa' l-ħidma li qed issir fil-qafas tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, b'żewġ proġetti ġodda dwar il-Permess għall-Moviment Transfruntier u dwar l-Armonizzazzjoni tar-Rekwiżiti Militari marbuta mad-Dwana.
17. Itenni li għandhom jitmexxew 'il quddiem il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni man-NATO dwar il-mobbiltà militari fil-qafas tas-sett komuni ta' proposti għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Varsavja f'Lulju 2016 mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, sabiex ikunu żgurati approċċ koerenti u sinerġiji bejn l-inizjattivi rispettivi tal-UE u tan-NATO.

18. Isejjaħ lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni fuq livell nazzjonali biex itejbu l-effiċjenza tal-mobbiltà militari, u biex jissimplifikaw u jistandardizzaw ir-regoli u l-proċeduri rilevanti b'mod koerenti mal-Pjan ta' Azzjoni u r-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fi ħdan l-UE u lil hinn minnha, skont il-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, mill-iktar fis possibbli iżda mhux aktar tard mill-2040, u jimmiraw li l-ewwel passi sussegwenti jinkisbu sa tmiem l-2019:
- a) jiġu żviluppati pjanijiet nazzjonali għall-mobbiltà militari u tingħata prijorità kbira lill-implimentazzjoni tagħhom;
 - b) skont il-proċeduri standardizzati rilevanti u soġġett għat-teħid tad-deċiżjonijiet nazzjonali u l-kriterji għal dan, jiġihaffu l-proċeduri dwar il-qsim tal-fruntieri, u għal dak l-għan, issir ħidma mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jingħataw permessi għall-movimenti transfruntiera, inkluż talbiet għal permess għad-dħul u l-moviment għall-modalitajiet kollha (l-art, l-ajru u l-baħar) u aspetti tal-moviment u t-trasport militari, għal attivitajiet ta' rutina fi żmien 5 ijiem ta' xogħol; u jitqies li dan il-perijodu jitnaqqas aktar f'każ ta' unitajiet ta' reazzjoni rapida;
 - c) jiġu ffaċilitati u jiġihaffu l-komunikazzjoni u l-proċeduri, u għal dak l-għan jinħoloq netwerk interkonness b'saħħtu ta' Punti Nazzjonali ta' Kuntatt għall-aspetti kollha marbuta mal-mobbiltà militari biex, fost l-oħrajn, ikunu jistgħu jiġu ttrattati malajr talbiet għal movimenti transfruntiera;
 - d) jintużaw eżerċizzji nazzjonali u multinazzjonali eżistenti biex tiġi pprattikata aktar regolarment il-mobbiltà militari, inkluż waqt eżerċizzji reali u movimenti b'avviż fi żmien qasir.

Il-Kunsill ser jirrieżamina l-progress kull sena u ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni sas-sajf 2019 inkluż billi jiddefinixxi, jekk ikun possibbli, objettivi aktar ambizzjużi u bi skadenzi preċiżi.

Tisħiħ tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK

19. Jilqa' l-ħidma li qed issir u jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Mejju 2018 dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni ċivili tal-PSDK u jtenni t-triq 'il quddiem b'rabta mal-preżentazzjoni, sas-sajf 2018, ta' Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċità Ċivili u l-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK sa Novembru 2018 u l-istedina tiegħu lir-Rappreżentant Għoli biex tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' dimensjoni ċivili msaħħa tal-PSDK, bħala parti mir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali.

Sħubiji fis-sigurtà u d-difiża

20. Ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju 2017 u jisħaq fuq l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab, kemm ma' pajjiżi terzi kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali oħra. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistieden lill-korpi preparatorji rilevanti biex imexxu 'l quddiem il-ħidma u jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konkreti fi żmien debitu abbażi tal-proposti reċenti magħmula mir-Rappreżentant Għoli biex jiġi żviluppat approċċ aktar strateġiku għas-Sħubiji tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża ma' pajjiżi terzi. Il-Kunsill jissottolinja li s-sħubiji bejn l-UE u pajjiżi terzi għandhom ikunu ta' benefiċċju reċiproku u għandhom jikkontribwixxu biex jissaħħu l-isforzi tal-UE għas-sigurtà u d-difiża, filwaqt li jiġi rrispettat bis-siħ il-qafas istituzzjonali tal-UE u l-awtonomija tagħha fit-teħid tad-deċiżjonijiet.
21. Jinnota b'apprezzament il-ħidma li qed issir biex jissaħħu l-prijoritajiet komuni għas-sħubija strateġika bejn l-UE u n-NU dwar iż-żamma tal-paċi u l-maniġġar ta' kriżijiet għall-perijodu 2019-2021, abbażi tal-progress importanti li sar s'issa, u b'kont meħud tar-riformi li qed isiru min-NU għall-paċi u s-sigurtà u l-iżviluppi tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, b'attenzjoni partikolari fuq it-titjib tal-kooperazzjoni u l-impatt fil-post.
22. Ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO tat-8 ta' Ġunju 2018 u jilqa' l-progress ulterjuri li sar fl-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti tal-UE u n-NATO li jkopru għadd totali ta' 74 azzjoni fl-oqsma kollha stipulati fid-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Varsavja f'Lulju 2016 mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistenna bil-ħerqa d-Dikjarazzjoni Konġunta imminenti l-għdida dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO mistennija f'Lulju 2018. Il-Kunsill itenni li dan ser jiżgura koordinazzjoni tajba u tisħiħ reċiproku bejn l-UE u n-NATO, b'rispett siħ tal-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE.

Żieda fir-reżiljenza u appoġġ għall-kapaċitajiet biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu

23. Jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni u r-rapporti ta' akkumpanjament adottati fit-13 ta' Ġunju 2018 u jieħu nota tal-proposti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u titmexxa 'l quddiem il-ħidma b'reazzjoni għall-inkarigu mill-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2018 marbut mar-riskji Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari, u tingħata għajnuna lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jiġu appoġġati l-kapaċitajiet tagħhom li jindirizzaw t-theddid ibridu, inkluż fil-qasam ċibernetiku, dak tal-komunikazzjoni strateġika u tal-counter-intelligence. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jisħaq fuq il-ħtieġa li, flimkien mal-Istati Membri, tiġi żviluppata aktar il-istrateġija ta' komunikazzjoni strateġika tal-UE. Barra minn hekk, il-Kunsill jisħaq li hi meħtieġa ħidma komprensiva u fit-tul, inkluż fuq riżorsi, biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu u biex titrawwem ir-reżiljenza tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Filwaqt li jqis il-kapaċità ta' analiżi awtonoma tal-UE, il-Kunsill iqiegħed enfasi partikolari wkoll fuq l-importanza li ssir ħidma mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, inkluża n-NATO. Il-Kunsill jitlob li titmexxa 'l quddiem il-ħidma u jiġi rieżaminat regolarment il-progress.

Jilqa' l-inizjattiva li ssir sessjoni speċjali tal-Konferenza tal-Istati Parti għall-OPCW fis-26 ta' Ġunju 2018 u jenfasizza l-importanza ta' eżitu ta' suċċess biex tissaħħaħ l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli. F'dan il-kuntest, l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-abbozz ta' deċiżjoni propost li tressaq minn aktar minn għoxrin pajjiż u jappellaw lill-Istati Parti kollha biex jappoġġaw u jadottaw din id-deċiżjoni.